**6 ta' Lulju**

**Tifkira ta'**

S. MARIJA GORETTI, VERĠNI U MARTRI

Twieldet f'Corinaldo, l-Italja, fl-1890 minn familja fqira. Għaddiet tfulitha fl-għaks ħdejn Nettuno, tgħin 'l ommha d-dar; kellha ġibda kbira għat-tjieba u kienet titlob ħafna. Fl-1902 wieħed żagħżugħ ried itebbgħalha ġieħha, imma hi għażlet il-mewt għall-imħabba tas-safa, u ħalliet ħajjitha taħt id-daqqiet ta' sikkina.

Mill-Komun tal-martri... jew tal-verġni...

Talba

O Alla, għajn ta' l-innoċenza, ħabib ta' l-erwieħ safja, inti tajt il-grazzja tal-martirju lill-qaddejja tiegħek Marija Goretti meta kienet għadha fil-fjur ta' ħajjitha; bħalma lilha żejjintha bil-kuruna tar-rebħa wara taqbida ħarxa, hekk ukoll, bit-talb tagħha, agħmel li aħna nibqgħu sħaħ fil-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek. B'Ibnek.